MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-14 ta' Gunju, 2008

Numru 511/2008

Il-Pulizija
(Spettur Ivan Cilia)

vs

Dionisio Borg

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 509861(M) akkuzat talli:

1. f'April 2008, u fix-xhur ta' qabel f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

a. approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, s-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u

tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Pia Giordamaina, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

b. Fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, approprija ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u sebgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Rita Sant, liema somma giet fdata jew kkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat.

2. talli f'April 2008, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda.

a. b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Pia Giordamaina,

b. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' aktar minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda anqas minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Rita Sant.

3. fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, irceva jew accetta xi offerta jew weghda ta’
xi vantagg mhux xieraq ghalih stes jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis-Sub Titolu (IV) tat-Titolu (III) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tezercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi haddiehor.

Il-Qorti mitluba sabiex f’kaz ta’ htija tikkundanna lill-akkuzat/i ghal hlas ta’ spejjez li jkollhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lill-imputat f’din l-ewwel udjenza jirregistra ammisjoni fl-liema ammisjoni ippersista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jippotizzaw r-reat kontinwat ta’ misaproprjazzjoni u truffa;

Dawn ir-reati jirrizultaw bl-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat li fiha insista anka wara li l-Qorti tahtu zmien jirrikonsidra;

Stante din l-ammisjoni l-Qorti qeghda ssibu hati izda qeghda tilliberah bl-applikazzjoni tal-Artikli 22 tal-Kap 446 ghal tlett snin mil-lum u bil-kundizzjoni li mhux oltre z-zmien ta’ sitt xhur mil-lum irodd l-ammont ta’ elfejn u mitt Euro lill-parti leza ossija Rita Sant u Pia Giordamaina.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabbiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------